MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT
## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 12/2014

**Victor u Giacinta konjugi Hili**

**Vs**

**Victor Hili & Sons Limited (C9541)**

**Il-Qorti;**

**RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

'Illi r-rikorrenti konjugi Hili huma azzjonisti tas-socjeta' intimata, skont kif jikkonferma estratt mehud mill-*website* tal-Awtorita' ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji (**Dokument A)** u qeghdin jipprezentaw dan ir-rikors a tenur tal-artikolu 214 (2) (a) (i) u (ii) tal-Kap. 386;

Ili s-socjeta' intimata kienet tiggestixxi negozju ta' *supermarket* f'fond li kien a disposizzjoni taghha f'Shore Street, l-Imgarr, Ghawdex;

Illi s-socjeta' intimata sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjari minhabba nuqqas ta' bejgh bil-konsegwenza li n-negozju taghha kellu jigi sospiz. In-negozju issa ilu sospiz ghall-perijodu bla waqfien ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar. Bizzejjed jinghad li n-numru tal-Vat tal-kumpanija MT 1123-1117 kien gie *de-registered* b'effett mill-31 ta' Ottubru 2007 skont kif jikkonferma d-dokument hawn anness u markat bhala ***'Dokument B';***

Illi l-kumpanija intimata spiccat wkoll f'sitwazzjoni fejn hija ma tistax thallas id-djun taghha. Is-socjeta' intimata ghandha fil-fatt diversi kredituri li ghad baqalhom jiehdu hlas ghall-merkanzija konsenjata u dan skont kif jirrizulta mill-elenku hawn anness u markat bhala ***Dokument C.*** Minbarra l-bilanc ta' diversi *items* ta' merkanzija dovuti, huma wkoll dovuti hlasijiet lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif wkoll hlasijiet lill-Awtorita' ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji. Il-bilanc dovut lill-Awtorita' ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji jammonta ghal sbatax-il elf seba' mija u erbgha u sebghin euro u sebgha u tmenin euro centezmi (€17,774.87) skont kif jirrizulta mill-elenku anness u markat bhala ***Dokument* D.** Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li d-dejn tal-kumpanija jammonta ghal tmien mija u wiehed u hamsin elf mija u tnejn u sebghin euro u erbgha u tmenin euro centezmi (€851,172.84). Dan l-elenku ta' kredituri mhux necessarjament elenku shih jew komplut peress li l-kotba tal-kumpanija lhom ma jigu audited sa mill-2004;

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni gia' intavola ittra ufficcjali, ittra numru 2282/2013 datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 2013 fejn interpella lis-socjeta' intimata sabiex hija thallas l-arretrati ta' taxxa dovuti ***(Dokument E)***. Fin-nuqqas l-istess Kummissarju ghamilha cara li se jipprocedi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut a tenur tal-artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa;

Illi l-kumpanija ma ghandhiex assi sufficjenti biex tissoddisfa dawn id-djun, tenut kont wkoll tal-passiv kontigenti u prospettiv tal-kumpanija;

Illi fid-dawl tal-premess ghalhekk jezistu c-cirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 214 (2) (a) (i) u (ii) tal-Kap. 386 sabiex il-kumpanija ntimata tigi stralcata;

Ir-rikorrenti ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex:

(a) Tiddikjara u tiddeciedi li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiz ghall-perijodu bla waqfien ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar;

(b) Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' intimata m'hijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha;

(c) Konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess sojceta' intimata a tenur tal-artikolu 214 (2) (a) (i) u/jew (ii) tal-Kap. 386;

(d) Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 386.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.'

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha.

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat datata 11 ta' Settembru, 2014 li biha espona:

'1. Illi din hija talba ghal stralc ta' kumpanija maghmula lill-Qorti skont il-provvedimenti tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dak il-ghan ir-rikorrenti ma humiex korretti li jitolbu l-hatra ta' kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-kumpanija. Il-kumpanija trid tibqa' rapprezentata dejjem jew mid-diretturi taghha jew fil-mankanza ta' dawn minn amministratur provizorju mahtur fit-termini ta' l-artikolu 228 (1) tal-Kap. 386.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-bqija rigwardanti l-fatti speci u detall tal-kaz l-esponenti ma huwiex edott minn dawn u ma ghandux access ghall-kotba tal-kumpanija u ghalhekk jirriserva li jirrispondi ulterjorment wara li l-fatti u dettalji jkunu maghrufa lilu.

Salv eccezzjonijiet u risposti ulterjuri.'

Rat illi l-eccezzjoni preliminari giet sorvolata permezz ta' decizjoni ta' din il-Qorti datata 7 ta' Ottubru, 2014;

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-mertu tat-talbiet, din hija kawza fejn qed issir talba sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpannija ntimata skont l-artikolu 214 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala azzjonisti tal-kumpannija ntimata u dan huwa permissibbli ai termini tal-artikolu 218 (1) (c) tal-Kap 386.

Illi fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 214, il-ligi telenka liema huma c-cirkostanzi fejn il-qorti tista' xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha u fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq is-sub-incizi (i) u (ii). Dawn is-subincizi jiddisponu li kumpannija tista' tigi xjolta u stralcjata mill-qorti:

'(i) jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiż għall-perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar;

(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;

Illi l-artikolu 214(5) jistabbilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet ta' l-artikolu 214(2)(a)(ii). Is-sub-artikolu(5) jaqra kif isegwi:

'(*a*) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma tħallasx għal kollox jew f'parti wara erbgħa u għoxrin ġimgħa mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; jew

(b) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili'.

Illi referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Axel Johnson International Ab vs Aluminium Extrusions Limited**[1] li rriteniet:

*'Hu car mill-ligi li taht is-subartikolu 214(1)(a) il-Qorti 'may' exercise its discretion in determining whether dissolution and winding up should occur. Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk is-sitwazzjoni tal-kumpannija hija tali li tiggustifika s-soluzzjoni li dina tigi wound up jew jekk ghad hemmx il-possibilita' li l-kumpannija tista' terga' topera fil-vicin u thallas id-djun taghha. Il-Ligi tghid li l-kumpannija tigi likwidata if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company. Din ta' l-ahhar kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda 'it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re: European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithallsu'.*

Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:-

[1] Rik Nru: 145/2000GV deciza fit-28 ta' Mejju, 2003

1. Illi s-socjeta' intimata kienet tiggestixxi negozju ta' *supermarket* li kien igib l-indirizz Shore Street, L-Imgarr, Ghawdex. Irrizulta lil din il-Qorti li ghall-perjodu ta' snin bejn is-sena 1989 u s-sena 2004 din l-attivita' kienet sejra tajjeb;

2. Illi fis-sena 2005 is-socjeta' intimata hadet id-decizjoni li ssellef xi flus lill-kumpanija Mgarr Rent A Car Limited. Rizultat ta' dan is-socjeta' intimata spiccat b'nuqqas ta' likwidita' li wasslet sabiex ma bdietx tlahhaq mat-termini tas-*suppliers* taghha tas-*supermarket* fejn dawn ta' l-ahhar ma baqghux ituha xoghol. Rizultat ta' dan is-*supermarket* mar lura u kellu jinghalaq f'Novembru, 2005;

3. Skont ir-rikorrenti Victor Hili[2] minn Novembru, 2005 il-kumpanija ma komplietx bin-negozju taghha u akkumulat dejn ta' madwar tmien mija u wiehed u hamsin elf mija u tnejn u sebghin euro u erbgha u tmenin euro centezmi (€851,172.84). A fol. 6 tal-process hemm esebit dokument redatt mill-istess Victor Hili li jindika min huma l-kredituri u s-somma globali ta' tmien mija u tlieta u tletin elf, tliet mija u seba' u disghin euro u seba' u disghin centezmu (€833,397.97) bhala dejn. L-Awditur Alfed Falzon a fol. 20 tal-process jikkonferma li dan l-ammont gie mahdum flimkien mieghu. Jirrizulta minn ittra ufficcjali datata 23 ta' Settembru, 2013 esebita a fol. 8 tal-process li mill-anqas is-somma ta' sitt mija u disghin elf u sitt mija u tlieta u sebghin euro (€690,673) hija dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan ghall-perjodu bejn is-sena 1999 sa 2012;

4. Illi x-xhud l-Awditur Alfred Falzon a fol. 18 et seq tal-process ikkonferma li l-ahhar *audit* li kien sar dwar is-socjeta' intimata kien lejn is-sena 2003. Ikkonferma wkoll li kien biss fis-sena 2013 li rega' kellmu r-rikorrenti Victor Hili ghaliex kien ircieva kont tat-taxxa ghas-somma ta' sitt mija u disghin elf, sitt mija u tlieta u sebghin euro (€690,673). Inhadmet lista tad-debituri tas-socjeta' intimata li telghet ghas-somma ta' tmien mija u tlieta u tletin elf, tliet mija u sebgha u disghin euro u sebgha u disghin centezmu (€833,397.97). Ix-xhud jikkonferma li l-ahhar li jaf is-socjeta' intimata 'kienet qed taghmel it-telf, kellha inspection mit-Tax Compliance Unit u hargulu l-assessments li ghalija ma kinux lanqas validi, u kellu jbiegh kollox biex ihallas kemm VAT, kulma kellu kellu jbieghu mill-kumpanija, u baqalu xorta jaghti hafna flus kien'.[3]

5. Illi minn nota ezebita mix-xhud Dr. Damian Bigeni a fol. 30 jirrizulta illi l-ahhar *auditied accounts* prezentati mis-Socjeta' intimata kienu dawk tas-sena 2001 u dan apparti s-somma ta' fuq ghaxart elef euro dovuta lir-Registatur tal-Kumpaniji. Irrizulta mix-xhieda tal-istess Dr. Damian Bigeni u d-dokument esebit a fol. 29 illi l-Kumpanija ilha minghajr diretturi u segretarju sa mis-sena 2005.[4]

Illi mis-suespost din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li mill-provi akkwiziti rrizulta li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiż bla waqfien mill-anqas mill-ahhar tas-sena 2005 sal-lum.

---

[2] Ara affidavit a fol. 27 tal-process.
[3] A fol. 19 tal-process.
[4] A fol. 29 tal-process.

Jirrizulta wkoll li s-socjeta′ intimata ghandha dejn li jmur lura anki ghas-sena 1999 u baqghet ma hallsitx id-dejn taghha sal-lum u rrizulta li d-dejn tas-socjeta′ intimata jizboq bil-kbir l-assi taghha, anzi minn kliem l-Awditur tas-socjeta′, is-socjeta′ intimata llum il-gurnata ma ghadx baqalha assi u ghalhekk mhix f′qaghda li thallas id-djun taghha. Ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija ntimata skont l-artikolu 214(2)(a) (i) u (ii) tal-Kap 356.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej :

1. Tichad l-eccezzjonijiet imqajjma mill-Kumpanija ntimata;

2. Tilqa′ l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li n-negozju tal-kumpanija Victor Hili & Sons Limited (C 9541) ilu sospiz ghall-perijodu bla waqfien ta′ aktar minn erbgha u ghoxrin xahar u dan ai termini tal-artikolu 214 (2) (a) (i) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta′ Malta;

3. Tilqa′ t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija Victor Hili & Sons Limited (C 9541) mhix f′qaghda li thallas id-djun taghha;

4. Tilqa′ t-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-kumpanija Victor Hili & Sons Limited (C9541) b′effett mil-lum ai termini tal tal-proviso ta′ l-artikolu 223(1) u l-artikolu 214 (2) (b) (ii) tal-Kap 386 u tordna wkoll l-istralc taghha.

5. Tahtar lill-Ufficcjali Ricevitur bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta′ Malta. Bla hsara ghall-generalita′ ta′ dawk is-setghat u dmirijiet tordna li –

    i. wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpanija ntimata kif irid l-artikolu 226 tal-Kap 386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-artikolu 227 tal-Kap 386.

    ii. jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

    iii. jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata jekk ezistenti kif ighid u jrid l-artikolu 237 tal-Kap 386.

iv. jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpanija ntimata.

v. jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpanija ntimata.

vi. jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.

vii. B'applikazzjoni tal-artikolu 236 (2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpanija ntimata u l-ispejjez l-ohra tal-istralc jithallsu in solidum mir-rikorrent u mill-kumpanija ntimata.

viii. Thalli l-istralc ghall-udjenza ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu, 2015 jissejjah fid-9.00 ta' filghodu.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------